29 ta' Jannar 2015

Reno Bugeja
Editur
PBS
Triq San Luqa
G'Mangia

Sur Bugeja,

Għal darb'oħra, il-Partit Nazzjonalista qiegħed jipprotesta għal mod kif TVM qiegħed jipprova joħnoq il-messaġġ tal-Oppożizzjoni u jagħmilha ta' gatekeeper għall-Gvern.

Waqt il-bulettin tal-aħbarijiet tal-bieraħ, fir-rapport dwar dak li ġara fil-Parlament meta tqajjem il-każ ta' mewt ta' anzjan fil-kuridur tal-iSptar Mater Dei, TVM irrapporta li kien hemm "bosta interuzzjonijiet".

Ir-realtà hi li Ministri tal-Gvern bdew jgħajtu, jinsulentaw u ma jħallux lill-membri tal-Oppożizzjoni jitkellmu. L-Oppożizzjoni kienet qed tagħmel il-punt dwar il-mod xejn dinjituż li bih qed jiġu trattati pazjenti fl-iSptar Mater Dei. Dak il-ħin, Ministri bdew jinsulentaw u jgħidu kliem mhux xieraq fil-konfront tal-Oppożizzjoni. TVM ipprova jċekken dak li għamlu l-Ministri billi jiddeskrivi dak li ġara bħala "interruzzjonijiet" u jaħbi dak li għamlu l-Ministri.

Id-diskussjoni fil-Kamra tad-Deputati tant iddeġenerat minħabba l-aġir tan-naħa tal-Gvern, li l-Kap tal-Oppożizzjoni qal li jistenna li l-Oppożizzjoni tingħata protezzjoni mis-Sedja. Madanakollu, l-istazzjon nazzjonali, lanqas din it-talba tal-Kap tal-Oppożizzjoni ma xandar.

Barra minnhekk, TVM irraporta li l-anzjan miet f'estensjoni ta' sala. Dan juri kemm TVM qed jipprova jagħmel minn kollox biex jaqdi l-interessi tal-Gvern, jaħbi l-fatti u saħansitra jdawwarhom, għaliex fir-realtà l-anzjan miet fil-kuridur u l-intervent tal-Oppożizzjoni l-bieraħ fil-Parlament kien propju dwar il-mod xejn dinjituż li bih qed jiġu trattati pazjenti.

Il-Partit Nazzjonalista qiegħed jipprotesta u jistenna li TVM ixandar mill-ġdid dak li veru ġara fil-Parlament.

Inselli għalik,

Matthew Bonett
Direttur Informazzjoni

Kopja : Is-Sur Pierre Cassar – Kap Eżekuttiv Awtorità tax-Xandir
7, Triq Mile End, il-Ħamrun

**Partit Nazzjonalista**
Triq Herbert Ganado, Pietà PTA 1450, Malta • Tel: +356 2124 3641 • Fax: +356 2124 3640 • Email: pn@pn.org.mt
Member of the European People's Party • Member of the Christian Democrat International • Member of the International Democrat Union
*www.pn.org.mt*